L-EWWEL KTIEB — MARZU
TAD-DISGHA U GHOXRIN SENA — 1953

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-EDITUR—Memorandum tal-"Għaqda" facċ. 3
E. MALLIA—*Il Marti* ,, 5
ĠINO MUSCAT AZZOPARDI—Ġabra ta' ismijiet ,, 6
A. CREMONA—Varia atque Breviora ,, 7
ALF. NICHOLAS—Salvu Frendo de Mannarino ,, 8
P.P. SAYDON, B.Lit., B.L.Can, D.D., Lic. S. Script.—L-Aħħar Kelma ,, 17
P. P. SAYDON—L-Aħħar Kelma ,, 17
Ġ. BORG PANTALLERESCO, P.L.—*Il-Milied it-Tajjeb* ,, 21
KAN. TEOL. Ġ. M. FARRUGIA—Il-Ġublew ta' l-Ewwel Quddiesa Tiegħu ,, 22
H. BORN, O.P.—Il-Palk Malti ,, 24
MARJU AGIUS—Tfakkira ta' Annibale Preca ,, 26
Ġ. MICALLEF GRIMAUD—*Tgħid?* ,, 29
NIKOL BIANCARDI—Ġuħ, Mard... u Kittieba ,, 30
Reċensjoni ,, 32

DIRETTUR: Dr. Gużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
28, Sur Santa Barbara, Valletta.
ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

Ħlas: 4/- fis-sena. — Ktieb wieħed 1/3.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil:
Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

## INFAKKRU LILL-IMSEĦBIN

Infakkru lill-Imseħbin illi min għadu ma ħallasx il-ħlas tat-tisħib ta' 4s. għal dis-sena, kif forsi wkoll tas-sena li għaddiet, ifittex li jirregula ruħu mal-Kaxxier (is-Sur Victor Apap, 22, Triq it-Torri, tas-Sliema), mill-5 p.m. 'il quddiem, jew c/o Stamperija tal-Gvern, il-Belt. Min irid jista' jinqeda bil-Posta (jibgħat Postal Order).

Xtaqna ngħarrfu lill bħalissa l-"Għaqda" tinsab taħt spejjeż barranin, stampa tar-Rivista, kera tad-Dar tal-"Għaqda", u spejjeż oħra, u jkun qed igħin mhux ftit il-"Għaqda" dak l-Imsieħeb li jkun dejjem puntwali fil-ħlas tat-tisħib ta' din ir-Rivista, li l-istampa tagħha saret ta' piż kbir għall-"Għaqda".

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

ID-DISGHA U GHOXRIN SENA

1953

---

Stamperija tad-Dar ta' San Gużepp,
Hamrun.
MALTA—1953.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU 1953


# *Memorandum tal-Għaqda*

*DAN l-aħħar il-"Għaqda" bagħtet memorandum lill-gazzetti u fih uriet kemm hi ma taqbelx mal-mod li bih qegħdin ikunu mxandrin produzzjonijiet letterarji bil-Malti. Biex niftiehmu l-"Għaqda" ma ħaditx dan il-pass għax jaqbel lilha jew għal xi interessi tagħha, iżda hi għamlet hekk għax dehrilha li l-ġieħ ta' l-Ilsien Malti jeħtieġ li jsir hekk, u dehrilha wkoll li jkun ta' ħsara, jekk mhux moralment żgur letterarjament, jekk jissoktaw jixxandru kitbiet bil-Malti bla ebda siwi, bla ebda ħajr u bla ebda gost.*

*Il-lum il-poplu dara jisma' x-xandir u, biex ingħidu hekk, aktar hawn min jisma' milli min jaqra, u għalhekk min jindaħal biex ixandar hu fl-obbligu mhux biss li ma jsemmax produzzjonijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara morali, iżda wkoll għandu jfittex li dak li jxandar ikun artistiku u letterarju. Min ixandar kitbiet ta' kafkaf ikun jonqos lil dawk li jisimgħu, jidħak bihom u wkoll jinsolentahom għax igħaddihom bħala nies bla dehen, ma humiex kapaċi jagħżlu l-ikreh mis-sabiħ.*

*Mela jeħtieġ għall-ġieħ ta' lsienna, għall-progress tal-koltura tagħna, għat-tagħlim tal-poplu li jixxandru produzzjonijiet tajba u serji, miktubin bid-dehen u bil-għaqal u skond ma titlob is-sengħa tal-kitba. Xogħlijiet bħal dawn ma jinkitbux ħorrox borrox, iżda jeħtieġu żmien, dehen u ħsieb. Min jindaħal għal xogħlijiet letterarji tajbin, barra li jinħtieġulu ħila u ħajra, irid ikollu s-sabar biex jagħti sura ta' ġmiel u għamla artistika. Dan ma jsirx malajr u l-awtur irid idum qatigħ imaħħaħ, italla' u jniżżel, jaħseb u jistudja biex dejjem jorqom u jżid isebbaħ ix-xogħol tiegħu, u ta' din il-ħidma kollha l-awtur għandu jkollu kumpens ġust.*

*Il-lum kulħadd iħaqqaq fuq il-jedd tal-ħaddiem, kulħadd iħambaq kontra l-esplojtazzjoni, għalhekk l-awtur li fuq kollox huwa wkoll ħaddiem tal-moħħ, jixraqlu li jieħu dak li ħaqqu. Ma tkunx ħaġa ġusta li wara żmien ta' taħbit u ħsieb, u xi drabi spejjeż ukoll, l-awtur ikollu jagħżel bejn l-ixkaffa li fuqha jib-*

*qgħu minsijin ix-xogħlijiet tiegħu jew il-loqma bħala ħlas għall-ħidma tiegħu.*

*Il-"Għaqda" ħasset li għandha tieħu l-inizjattiva biex dan in-nuqqas jissewwa. Il-lum rajna kemm kienet kbira l-ħtieġa li l-"Għaqda" titqanqal għax il-memorandum tagħna xegħel għajdut ma' Malta kollha; il-biċċa l-kbira tal-gazzetti ippubblikaw il-memorandum tal-"Għaqda" u ikkommentaw fuqu, bosta xirkiet u assoċjazzjonijiet issieħbu mal-fehma tal-"Għaqda". Il-memorandum il-lum qajjem kuxjenza pubblika u sar moviment nazzjonali. J'Alla dan il-moviment inissel ftehim għall-ġid tal-kittieba u għall-ġieh ta' l-Ilsien Malti, għax dan biss hu l-ħsieb tal-"Għaqda" kif taraw mill-memorandum li qegħdin inġibu hawn:—*

*"Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" stħarrġet il-qagħda tax-xandir ta' kitba bil-Malti minn fuq ir-Rediffusion u tħoss ruħha fid-dmir li tqiegħed quddiem il-pubbliku dawn il-konklużjonijiet :—*

*1. Ħafna xandir bil-Malti, għalkemm isir bil-ħsieb li jagħti pjaċir intellettwali lis-semmiegħa, hu nieqes minn dawk il-kwalitajiet edukativi u letterarji li wieħed għandu l-jedd jistenna.*

*2. Ir-raġuni ta' dan tidher li hija l-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dan ix-xandir qed isir mingħajr ħlas, jew b'xi ħlas żgħir, u mħabba f'hekk il-Kumpannija tar-Rediffusion ma tistax tagħti lis-semmiegħa tagħha xandir ta' kwalità tajba li mhux biss jogħġob imma jeduka wkoll.*

*3. Billi x-xandir ta' qari, kitba, taħdit, eċċ., isir mingħajr ħlas, ftit huma dawk il-kittieba tajba li jaċċettaw jitkellmu minn fuq ir-Rediffusion.*

*4. Jiddispjaċina ngħidu li l-Kumpannija tar-Rediffusion għax issib ruħha moqdija bis-servizzi li jagħtu b'xejn xi xandara u kittieba mhix tħoss il-ħtieġa li tgħolli l-kwalità tas-servizzi bil-Malti.*

*5. Billi x-xandir bil-Malti mir-Rediffusion jisimgħu kważi l-poplu kollu u l-għadd ta' l-"abbonati" jilħaq l-eluf, il-kwistjoni ta' dax-xandir ma tistax titqies aktar bħala ħaġa privata. Wisq nibżgħu li l-effett ta' dak li jinstama' minn fuq ir-Rediffusion jista' jkun ta' ħsara għall-formazzjoni tal-karattru u l-mentalità tal-poplu, għall-edukazzjoni ta' palat letterarju u artistiku, u hekk jinħoloq, u biż-żmien jikber, konflitt bejn ix-xogħol edukattiv magħmul mill-iskejjel u l-effetti anti-edukattivi tas-*

*servizzi bil-Malti mxandra mill-Kumpannija. Insemmu fost ħwejjeġ oħra bħala eżempju l-qari ta' rumanzi melodrammatiċi li l-lum huma mwarrba minn kull min jifhem fil-letteratura.*

6. *Ta' min ifakkar illi l-B.B.C. fl-Ingilterra u kumpanniji et oħra f'pajjiżi progressivi qatt ma jinqdew b'xogħol letterarju bla ma jħallsuh kif jixraq. Hi l-fehma tagħna li jekk il-Kumpannija tar-Rediffusion timxi bl-istess mod—kif inhu xieraq li tagħmel—hi tkun 'tista' tinqeda mhux biss b'xogħlijiet tajba u ta' fejda iżda li jagħtu pjaċir ukoll; u b'hekk il-Kumpannija tkun qiegħda tagħti dmirha tassew mas-semmiegħa tagħha.''*

---

## LIL MARTI

### (F'EGHLUQ IL-25 SENA MIŻ-ŻWIEĠ TAGHNA)

*Ta'* E. MALLIA

Imqarraq le ma mortx x'ħin jien f'żgħożiti
Għajnejja fuqek xħett, tarraft l-imħabba:
Lilek, li wkoli jien rajt f'għajnejk titrabba
Mill-ħars għażiż u rżin sa minn ċkuniti:

Il-lum li rajt isseħħ ħolmet tfuliti
Mhemmx għalfejn minnek jien inkun imxabba':
Ġiehek żammejt fil-għoli, qatt ma ttabba',
Kabbartli sigra u ħsibt għal żmien xjuħiti.

Il-ferħ, in-niket, l-hena, qsamt int miegħi
U kemm burraxki ġew, ilqajt bis-sabar;
Farraġtni min jaf kemm fid-dwejjaq tiegħi.

Miegħek għammart is-snin fost l-akbar sliema
U hekk nittama nibqgħu sa ġol-qabar:
Nistqarr li qatt u qatt ma ġietni ndiema!

4. IX. 51.

# ĠABRA TA' ISMIJIET TA' QADDISIN, PERSUNAĠĠI BIBLIĊI U TAL-VANĠELU LI JIDĦLU FI QWIEL, IDJOMI U FRAŻIJIET MALTIN

*Ta'* ĠINO MUSCAT AZZOPARDI

*(Din il-ġabra hija meħuda mill-ktieb ta' l-artikolist)*
*"KIF NGĦIDUHA" li għad mhux mitbugħ)*

F'San Anard iżra' f'kull art.
Sant'Andrija nofs il-mara mitmugħa u l-miżergħa miżrugħa.
Santa Barbara la deni u anqas ħsara.
(Serva) ta' Ċirinew.
Wiċċ ta' Erodi.
Qisha r-reġina Ester.
(Kien hemm nies) daqs il-Fariżej.
Donnu Kristu tal-ferli.
Telagħlu San Filep
Viva San Filep la x-xitan irid hekk.
Batut daqs Ġobb.
Għandu paċenzja ta' Ġobb.
Bewsa ta' Ġuda.
Fost l-appostli kien hemm Ġuda.
Tal-grazzja Ħaż-Żabbar—*Għal Madonna tal-Grazzja.*
(Ġralu) bħall-iben prodku.
(Ninsab) imsallab daqs Kristu.
(Jiġbor kollox) donnu Lazzru.
(Hadt fastidju?) biegħu lil Lazzru.
Donnu Lazzru ħiereġ mill-qabar.
(Tani) flus ta' Santa Liena.
Supperv daqs Luċifru.
Wiċċ ta' Luċifru.
Għajnejn Santa Luċija—*ħaxixa.*
Santa Luċija u l-jum jitwal b'pass ta' tarbija.
Għal San Luqa fiż-żara' tistaħba għattuqa.
Xuxet il-Maddalena—*fjur.*
Xagħar il-Maddalena—*ħaxixa.*
(Anqas li kienet) duwa tal-Maddalena.
Idu daqs ta' Malku.
Ix-xita f'San Mark nar fl-art.
Is-sajf ta' San Martin il-biedja tifraħ bih.
F'San Mattew iżra' t-tewm.

Għal San Mattija l-jum jagħmel pass ta' tarbija.
Dak li jagħqad sa San Mikiel jidħol fil-miżien.
Għal San Mikiel lesti l-gandlier.
(Donnu dak) ta' taħt San Mikiel.
Ilsien San Pawl—*fossili.*
Iqalleb daqs il-temp f'San Pawl ta' Jannar.
Għażżien daqs is-sejf ta' San Pawl.
(Taħ waħda) tal-Beati Pawli.
(Dħalt) bħal Pilatu fil-kredu.
(Toqgħodx tibgħatni) minn għand Qajfas għal għand Pilatu.
Mans daqs il-ħaruf ta' Pilatu.
(Hasel) idu bħal Pilatu.
(Donnok) il-għaġeb tal-presepju.
Sal-Qaddisin Kollha r-riħ fuq jiġi bil-bolla.
(X'int) reġina profittarum...—*Regina prophetarum.*
Għaref daqs Salamun.
Jiflaħ *jew* b'saħħtu daqs Sansun.
(Dam miegħu) mill-Milied sa San Stiefnu.
Int bħal San Tumas (jekk ma tarax ma temminx).
Għal San Tumas il-jum jagħmel pass ta' ħmar qammas.
F'San Xmun iżra' n iexef jew miblul.
(Baqa' donnu) San Xmun Stokk *jew* Santu Stokk.
San Ġużepp kemm inċanaha.

*N.B. — Il-kliem fil-parentesi huwa miżjud biex il-frażi tkun tista' tiftiehem aħjar.*

---

## VARIA ATQUE BREVIORA

*Ta'* A. CREMONA

Il-kelma *Qalb* f'xi espressjonijiet Maltin :—

Għamel il-qalb; qalbu tajba, ħażina; mur bil-qalb it-tajba; għamel f'qalbu; ħabib tal-qalb; qalb il-bniedem Alla biss jaf x'fiha; żamm f'qalbu; qelbu ħebritu; għamilli qalb ta' sur; kisirli qalbi; djieq il-qalb; għedt f'qalbi; ħruq ta' qalb; bejtu f'qalbu; qasam qalbu; qalb ta' tigra; qata' qalbu; fetaħ qalbu miegħi; tferfir ta' qalb; ħlewwa ta' qalb; konna lkoll qalb waħda; qalbu sewda; telaq fuq il-qalb; ħadem bla qalb, bil-qalb; fejn hu qiegħed mhux għal qalbu; sab ruħu qalb ħafna nies; sibtu qalb il-karti.

*(Jissokta fil-faċċ. 31)*

# Salvu Frendo de Mannarino

*Ta'* ALF. NICHOLAS

KONT ili s-snin 'ntella' u nniżżel biex nikkopja bl-ortografija tal-Għaqda — jiġifieri b'dik il-kitba li l-lum hija magħrufa bħala ortografija uffiċjali — ix-xogħol sabiħ li kien tani kopja minnu wieħed malti li għalkemm għadda l-ikbar sehem ta' ħajtu barra minn pajjiżu, u għalkemm ilu mejjet qrib it-tnejn u tletin sena, naħseb li ismu mhux mitluf għal kollox fost il-pajżani tagħna.



**Salvu Frendo de Mannarino.**

Dan ix-xogħol hu l-ATT TAL-FIDI (*Il Credo*) tal-kbir poeta Dante Alighieri, li Salvu Frendo kien qaleb għall-Malti, u wara li ħa s-Sensja tal-Knisja, stampah f'Malta fl-1907. Mela naħsbu li jkun għajb kbir għal-Letteratura Maltija, jekk din il-kitba ma tiġġeddidx fi żmienna meta l-qari tal-Malti, nistgħu ngħidu, fostna l-Maltin sar *universali.*

Bħala Madħal tax-xogħol ta' Frendo hemm miġjuba *Fehma* li dehret fil-gazzetta *Is-Salib* tat-2 ta' Awissu 1907 mill-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi. F'dil-*Fehma* hemm tifħir lill-kittieb għall-ħila tiegħu li jaqleb għall-Malti xogħol hekk iebes li saħansitra hu (Ġ.M.A.) kien jitmeżmeż kieku kellu jidħol għalih—kif stqarr hu stess.

Min kien Salvu Frendo de Mannarino?

Frendo kien qarib tal-kbir patrijott malti, Dun Ġejtan Mannarinu. Twieled il-Birgu fl-1845 u miet fil-Kajr (Eġittu), fi Frar ta' l-1918.

Frendo kien surmast u direttur ta' l-iskejjel, kien lingwista mill-akbar u għamel studji kbar fuq bosta ħwejjeġ—l-iżjed dawk li għandhom x'jaqsmu mal-letteratura. Jiena għaraft lil Salvu Frendo fl-Eġittu u kien l-akbar pjaċir tiegħi meta, fil-gallarija tal-Każin Malti tal-Kajr, kont noqgħod nisimgħu jitkellem; għax kliemu, billi f'dak iż-żmien kont għadni żagħżugħ ħafna, kien isaħħaħ it-tagħrif tiegħi.

Dal-pajżan tagħna ħalla warajh bosta kitba barra l-ATT TAL-FIDI. Fost ħwejjeġ oħra kiteb bil-malti: *Il-Barunissa Maltija*, rumanz patrju, fl-1893; *Hajjet Tobija*, miġjub fil-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien, 1910; *Ix-Xitan iqarmeċ Ras il-Mejjet*, 1908. Bit-Taljan: *Mannarino*, poema storiku-patrju, 1882; *La Rivolta della Campagna*, dramma f'erba' atti fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, 1892; *Passione e Morte di N.S. Gesù Cristo*, dramm bibliku f'ħames atti, 1892; u *Melitensium Amor*, epopea patrja, 1901.

Salvu Frendo kien patrijott mill-iżjed safi, dejjem ħabb u kiteb ilsien pajjiżu għalkemm, kif għidna fuq, kien lingwista mill-akbar, u kien bniedem sinċerament reliġjuż. Il-pariri li kien jagħti lilna ż-żgħażagħ kienu dejjem mill-iktar tajbin.

Frendo kien fl-Eġittu meta l-Kolonja tagħna kienet għadha fi twelidha u mill-ewwel kellu ħeġġa kbira għall-għaqda tal-Maltin, u għalhekk aħna nsibu ismu fost l-ewliena li kienu waqqfu fl-1880 is-Soċjetà Maltija tal-*Mutuo Soccorso*.

Meta miet, fil-għomor ta' tlieta u sebgħin sena, kien President ta' dix-Xirka.

Salvu Frendo kien malti tassew; imżejjen b'ruħ maltija minn kollox. Alla jagħti l-mistrieħ lil din ir-ruħ li dejjem fittxet il-ġid ta' għajrha.

## ATT TAL-FIDI TA' DANTE ALIGHIERI

*(Maqlub għall-Malti minn Salvu Frendo de Mannarino)*

S'issa ktibt fuq l-imħabba bosta rîmi(1)
u, biex nagħtihom ħlewwa l-aktar kbira,
u biex nisfihom ħlejt kemm kelli lîmi(2).
Imma 'ssa tagħhom nitlef sat-tifkira(3)
Irrid, u minn ġo qalbi naqta' ċ-ċîmi,
li bihom kont marbut f'din il-għadira(4)
tal-qerq. Inħabat li s-snin illi Alla tâni,

(1) *rimi*: taqbil.
(2) *limi*: il-poeta jirfina l-versi tiegħu bl-istudju, kif il-ħaddied jirfina l-ħadid bil-lima.
(3) *tifkira*: memorja.
(4) *għadira tal-qerq*: vanità.

kienu minni f'dawk il-frugħat moħlija,
u rrid il-għerf, li bih hu moħħi għani,
għall-ġid ta' ruħi nagħti u, bla mistħija,
fuq Alla nikteb ta' veru nisrani.
F'Alla l-Missier jien nemmen b'kull ma fija,
li kollox jagħmel jista'; li jagħtina
il-barka tiegħu, u dejjem jibagħtilna
kull ġid, sabiex imħabbtu toktor fina.
Nemmen ukoll illi mix-xejn ħalqilna
is-sema u l-art, b'dik il-qalb ħanina,
li biha d-dnubiet żgħar u kbar jaħfrilna
Meta b'indiema nistqarruhom sewwa
lill-konfessur. Illi kull ma tmiss idna
u għajnna târa, u dak kollu, li ġewwa
il-menti tagħna naħsbu, ġie minn Sidna
Alla maħluq bl-akbar tjubija u ħlewwa.
Nemmen li l-Iben t'Alla ħa, għal ġidna,
ir-ruħ u l-ġisem fil-ġuf ta' Marija,
xbejba bla tebgħa, li titlob għalina.
Illi fi Kristu tal-bnedmin ix-xbieha
kollha tinsab, hekk sewwa kif turina
u kif biċ-ċar tipprova dit-turija
u tgħallem il-Knisja Mqaddsa-Latina.
Għalkemm Hu ġej mir-razza tal-bnedmin,
u għad li ried jitwieled ġewwa stalla
sabiex jurina kemm huwa ħanin,
nemmen bis-sħiħ illi Hu Alla Bin Alla;
li Huwa u Ruħ il-Qdusija huma mgħaqqdin
m'Alla l-Missier, u, għad li qatt ma falla,
sabiex mill-jasar tax-xitan jifdina,
fuq is-Salib, bħal ħati miet bla ħtija.
Nemmen li wara mewtu, b'qalb ħanina,
fil-Limbu niżel sabiex mit-tbatija,
tal-Qaddisin, li mietu qabel dina,
jeħles 'l-erwieħ, illi, b'fidi qawwija
jittamaw kienu li hemma, sal-passjoni
u sal-mewt tiegħu kellhom jibqgħu rsiera;
għax, kull min għandu t-tama u l-persważjoni
illi bil-fidi jsalva, u b'qalb sinċiera
jemmen, ikollha ruħu s-salvazzjoni
imma, min ma jimxix taħt dil-bandiera,

Eretku u għadu tiegħu nnifsu jkun,
u, żgur, imur fil-qiegħ tad-dlamijiet,
fejn jibqa' għall-eternità midfun.
Illi rebbieħ Hu qam minn bejn l-imwiet
it-tielet jum, jien nemmen bir-raġun
u li bil-laħam, li bih Lilu ksiet
ix-xbejba, li Alla, fost ix-xbejbiet henna,
is-Sema tala', fejn, fil-ġenb lemin
t'Alla l-Missier, li jiġi qed jistenna
biex lill-ħajjin iħallas u l-mejtin :
bl-Infern, bil-Purgatorju jew bil-Ġenna .
Is-sewwa mmela nagħmlu biex, henjin,
maż-żmien immorru l-Ġenna, fi ħdan Alla;
għax, kull min ruħu fid-drawwiet il-ħżiena
u fid-dnubiet il-mejta timxi ħalla,
ġewwa l-abbissi ta' l-Infern, bla ħniena,
u mingħajr tama li minn hemm tittalla',
tiġi mitfugħa, fl-akbar hemm u piena.
Teħlisna mill-Infern Ruħ il-Qdusija
li, fost it-Tlieta hi t-tielet Persuna;
li bħal Missier u sew bħall-Iben hija;
u minnhom aħna nistennew għajnuna,
sabiex naħarbu minn dik it-tbatija
u minn dak it-turment, sew kif għallmuna
bosta Profeti; u qima nagħtu lilhom,
xorta(5), għax ta' xulxin huma nebbieta(6)
u jiena, b'qalbi kollha, ukoll noffrilhom
it-tifħir tiegħi, għax għad li huma tlieta,
huma Alla wieħed, u mgħaqqdin f'egħmilhom.
Hi(7), bħall-Missier u l-Iben, qatt ma bdietha
il-ħajja tagħha u bħalhom mhix maħluqa.
Tas-sema u l-art, bħalhom, hija Sultana,
u minnhom l-ebda waħda ma hija fuqha
u lanqas taħtha : it-Tnejn huma fi ħdanha;
f'Alla wieħed it-Tlieta huma magħluqa;
u kull min jikxef aktar ried hedana
il-kbir Misteru, falla u qata' jiesu.

---

(5) *xorta*: egwali.
(6) *ta' xulxin huma nebbieta*: imnibbtin minn xulxin.
(7) *Hi*: Ruħ il-Qdusija.

B'Dak li tgħallimna l-Knisja, qalbu jhejjen
biss in-Nisrani għandu u ma jqisx b'qiesu, (8)
għaliex il-fidi tiegħu żgur tixxejjen
sew ġewwa qalbu, kemm ġewwa qalb niesu (9).
Jien nemmen li bil-grazzja t'Alla żżejjen
u tisfi minn kull tebgħa l-Magħmudija:
biż-Żejt tas-Saħħa u bl-Ilma safi mxarrba
u mbagħad bil-Melħ tal-Għerf tiġi mogħnija
ir-ruħ; u din ma tingħatax hlief darba;
imma mingħajrha tal-Ġenna l-mogħdija
ma tiftħilniex anqas tad-dnub il-ħarba.
Hi x-xbieha t'Alla fil-bnedmin tistampa,
għax minn kull tebgħa biha nsiru puri;
xi drabi hi d-dawl hekk kbir ta' dik il-Lampa,
li, minn Ruħ il-Qdusija, fuqna turi,
u tkebbes f'qalbna ta' l-imħabba l-vampa,
illi mis-salvazzjon tagħmilna żguri.
Imma, sabiex ninsfew mill-qżież u l-kruha
tal-misħut dnub, illi m'nn Alla jifridna,
tal-Konfessur il-maħfra hija merfugħa
għalina: il-maħfra, li Ġesù wegħidna,
li ma nistgħux bil-flus u l-għawġ nixtruha:
għaliex dan kollu lejn l-Infern jiġbidna.
L-ewwel hemm bżonn li nħossu ndiema vera,
imbagħ'd bil-fomm nistqarru d-dnubiet tagħna,
kollha kemm huma, kif u bil-maniera
li għamilniehom, biex Dak li jismagħna
jiżinhom ikun jista' u maħfra ntiera
tagħhom jagħtina, u mill-Infern jerfagħna.
Il-għadu tagħna, li hu dejjem bejnietna
biex iġarrafna, kontra l-ġid jagħwina
u l-ħażen kollu jlaqqam fi ħsibietna.
Imma, biex kontra t-tentazzjoni jtina
il-qawwa, u biex neħilsu minn dnubietna,
li l-għadu bihom irid igħabbina,
Ġesù ħanin, biex ikattrilna ħiltna,
u biex minn ġewwa moħħna qatt ma tgħib

(8) *ma jqisx b'qiesu*: ma jiġġudikax b'għaqlu.
(9) min jitlef il-fidi hu jtellifha lil niesu wkoll.

il-fakra tat-turment li ried joffrilna,
ta' Missier veru u ta' veru ħabib (10),
l-Imqaddes Ġisem u d-Demm ħalla lilna:
hedak il-ġisem li fuq is-Salib
imsammar ġie, u d-Demm, li mill-kefrin
Lhud ġie mċarċar, sabiex mill-egħdewwa
u minn jasarhom niġu meħlusin,
u nħallu t-triq tal-għawġ għat-triq tas-sewwa,
taħt sura ta' Ostja mqaddsa, Alla ħanin,
ħallielna, biex ruħna bihom tiddewwa,
wara li minn kull dnub tkun ġiet misfija.
Ta' dan is-Sagrament, il-kbir Misteru
Hekk huwa mbierek u hekk hu tal-qdusija,
(għad li hemm xi wħud, li dana jridu jmieru)
li biex infissru kliem ma nsibx ġo fija;
imma bih, fuq il-għadu jtina imperu,
sabiex naħarbu minn kull tentazzjoni,
għax Alla dejjem jisma' bl-akbar ħniena
u mħabba liema bħalha, l-orazzjoni
illi, minn ġewwa qalb niedma u sogħbiena,
toħroġ bi ħrara, qima u devozzjoni.
Ta' dan il-għamil kollu li għidt jiena,
l-erwieħ fit-triq iwettaq tat-tjubija
it-tmun għandu l-Qassis biex imexxina.
Imbagħad, sabiex nitwettqu fil-qdusija,
il-Griżma Mqaddsa hemm lesta wkoll għalina
sabiex bil-fidi qalbna tkun mimlija.
Billi sikwit ġisimna jkebbes fina
taż-żina x-xewqa u f'dan id-dnub il-mejjet
dlonk iwaqqagħna, Alla taż-żwieġ fetħilna
it-triq, għax imħabbtu lejna hi kbira żżejjed.
Dana nitbiegħdu miż-żina jġegħilna,
sabiex dad-dnub ma jibqax fina jbejjet,
bit-talb u s-sawm, kif Kristu stess qalilna.
Għalhekk hedawn is-seba' Sagramenti
magħmula ġew mir-Reliġjon qadima (11)
Alla stess tana l-għaxar kmandamenti:

(10) *veru ħabib*: li verament iħobbna.
(11) *qadima*: qadima għax għamilha Ġesù Kristu.

L-ewwel: Illi bħal Alla nagħtu qima
biss Lilu għandna. It-tieni: b'ġuramenti
jew b'xi mod ieħor ma għandniex, bla stima
l-Imqaddes Ismu nsemmu. It-tielet huwa
li nħarsu l-Ħdud u l-btajjel; din il-btala
għandna bil-ħrara Lilu biss noffruha,
skond kif tgħallimna l-Knisja Mqaddsa, u bħalha,
bid-devozzjoni u talb għandna ngħadduha:
għax din m'hijiex għalbiex wieħed jixxala!
Ir-raba': inħobbu għandna 'l-ġenituri,
għax tawna l-ħajja. Il-ħames bis-sikkina
toqtolx, lanqas b'ħaġ'oħra. Is-sitta: Puri
mid-dnub taż-żina jridna, għaliex b'dina
noffendu 'l Alla u 'l-proxxmu tagħna u żguri
aħna li nkeċċu 'l Alla minn ġo fina.
Is-seba': La tisraqx. It-tmienja: Isibna
ħatjin ma jridx ta' xhieda falza: ħtija,
illi taħt għoqliet Alla żgur iġġibna.
Id-disa': Ruħna qatt ma tkun misfija
jekk aħna rridu tagħna mart qaribna (12),
għax bla kuxjenza nkunu u bla mistħija.
U l-aħħar: Ħadd ma għandu jixtieq tiegħu
ħwejjeġ in-nies. Għal dawn Alla jheddidna
bl-Infern; u kullimkien jilħaqna Driegħu!
Nisimgħu l-Liġi 'mmela; din tirfidna
fil-grazzja t'Alla. Ilkoll ninġabru Miegħu;
u d-dnub naħarbu għax Minnu jbegħidna!
KBURIJA hi l-ewwel: din għandna naħarbu,
għax, li aħna mill-oħrajn aħjar, tħassibna,
u mħabba fiha, lejn il-qerq nitqarrbu.
IL-GĦIRA hi dik ir-ras li tgħaddibna,
u biha b'ġid ħaddieħor rassa nġarrbu:
din hija għadu tagħna u trid tegħlibna.
Il-GĦADAB ta' l-imgħaddab il-katina
itaqqal, għax tal-korla n-nar ikebbes
u t-triq it-tajba jtellef għall-ħażina.
Il-GĦAŻŻ, li kontra l-ġid il-qalb iwebbes,
tal-għadiet ħżiena fit-triq imexxina

(12) *qaribna*: il-proxxmu tagħna.

u ta' kull vizzju x-xewqa f'qalbna jħebbes (13).
Ix-XEĦĦA hi dik illi ġġagħalna nbatu,
għaliex ix-xħiħ ta' kelmtu qatt ma jkun,
u l-ilma jressaq lejn xawwatu (14).
Il-GULA l-għaqli twaqqa' u lill-miġnun,
għax il-guluż ma jxabba' qatt xewqatu,
u qabru jħaffer fejn jiġi midfun,
sewwa bix-xorb u kemm bl-ikel iżżejjed.
Iż-ŻINA hi l-aħħar: Jikser il-qrubija (15),
bil-ħbieb iqarraq dan id-dnub il-mejjet,
b'inganni, tradimenti u kull ħżunija,
għax jitfi d-dawl tal-għaqal fejn ibejjet.
Kontra dawn is-seba' dnubiet qawwija
nifthu għajnejna mmela, u nagħmlu dmirna,
sabiex naħarbu minn dawn il-għadiet
hekk ħżiena, u ngħidu lkoll sikwit: Missierna
illi tinsab fil-glorja tas-smewwiet,
imqaddes ikun ismek minn ġo s'dirna,
qabel u wara li nħallu dal-wied
tad-dmugħ għall-hena Tiegħek. Aħna Lilek
nitolbu dejjem illi tħenn għalina,
u nżżuk ħajr minn qalbna għal għemilek.
Is-Saltna Tiegħek, ja Sinjur, tiġina,
kif tfisser din it-talba, u kif toffrilek
il-qalb minn tagħna, ruħna u kulma fina.
Ir-rieda Tiegħek tkun hekk fl-art magħmula
sew fis-Sema. Il-lum il-ħobż tas-saħħa
agħtina ta' kuljum. Biex tkun maħsula
ir-ruħ minn tagħna, aħfrilha d-dnubiet tagħha,
kif taħfer hija d-deni li jagħmlulha,
sabiex fi ħdanek tkun tista' tilqagħha.
Missier Dejjiem, imħabbtek kebbes fina;
mill-għama u mit-tiġrif tat-tentazzjoni
eħlisna, u minn kull deni ddefendina,
sabiex nistgħu nisthoqqu, bl-orazzjoni,
li l-Barka Mqaddsa Tiegħek Int tagħtina,
illi tkattrilna f'qalbna d-devozzjoni.

---

(13) *iħebbes*: idaħħal.

(14) *u l-ilma jressaq dejjem lejn xawwatu*: jiġbed kollox għalih

Ja Re tas-Sema u l-art, il-Barka Tiegħek
  agħtina mmela, u Lejk iġbed għajnejna.
  Bil-qawwa, liema bħalha minn ta' Driegħek,
il-għadu, nitolbuk, biegħed minn ħdejna,
  u l-menti tagħna żomm għal dejjem Miegħek.
  Ix-xbejba ta' bla tebgħa, għarkobbtejna,
flimkien infaħħru, qabel nerħu l-pinna,
  u nżidu ma' dak kollu li aħna għidna.
  Lilha nitolbu sabiex taqilgħilna
il-grazzja illi xejn mn'Alla ma jbegħidna;
  illi, ħanin, il-mewt ta' dejjem minna
  ibiegħed u, devoti, Lejh jiġbidna.
Ingħidu, immela: Is-sliem Għalik, Marija,
  xebba bla tebgħa, fost in-nisa kollha
  Int kont maħtura, u bil-grazzja mimlija.
Alla, fuq l-ogħla Saltna, Lilek għolla,
  u bid-dawl dawrek ta' l-akbar qdusija.
  Ikun imbierek minn kotriet il-folla
ta' l-Anġli u tal-bnedmin, Xebba ħanina,
  il-frott ta' ħdanek. Int, illi ġġibilna
  il-grazzi kollha mn'Alla, itlob għalina,
Qaddisa, Marija, Omm Alla, biex jaħfrilna,
  issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna jtina
  il-Barka Tiegħu u l-Ġenna mbagħ'd jiftħilna,
  sew kif Kristu wegħedna, u hekk ikun.

# L-AĦĦAR KELMA

*Ta'* P. P. SAYDON

JISTAGĦGBU l-qarrejja ta' *Il-Malti* jergghu jaqraw, wara ħafna snin, il-kitba tiegħi, li qisha leħen mitfi ħiereġ mill-ħemda tal-qabar. U jintefa għal kollox ma jdumx. Imma qabel ma jintefa għal kollox irrid ingħid l-aħħar kelma lill-qarrejja tal-lum u ta' għada, lill-ħbieb tal-lum u tal-bieraħ, lil dawk kollha li għadhom ma nsewx ismi u nistqarrilhom b'qalbi f'idejja x-xogħol u l-ħidma tiegħi fl-imgħoddi, it-taħbit u t-tfixkil, taqtiq il-qalb u qtigħ il-jies li fl-aħħar qatagħni u firidni minn kollox u minn kulħadd u tefagħni f'sikta li xejn ħlief il-ħsieb tat-tmiem riesaq ma seta' jikser. Għax bħalissa jien inħossni mifrud minn kollox; ħadd ma għadu jaqra jew jisma' kelmti; ismi qatt ma jidher fl-ebda kumitat; fil-laqgħat ma jarani ħadd; fil-ħajja soċjali u intellettwali mejjet u minsi. Il-għala? Xi ħadd jaħseb li din hi l-bruda ta' qabel il-kesħa ta' dejjem; it-telqa u l-għeja tal-ħajja; in-nuqqas ta' ħeġġa li jġibu magħhom is-snin. Xejn minn dan kollu. Il-ħeġġa tax-xogħol inħossha tikber dejjem mas-snin u l-għeja qatt ma għalbitni. X'hemm mela fil-ħajja tiegħi li qiegħed jaħbi lili u l-ħidma tiegħi minn għajnejn il-kotra? Hawn hi t-tweġiba.

Il-ħajja tiegħi kienet ġlieda, ġlieda twila u siekta u, l-agħar, ġlieda mitlufa; kienet ġlieda ta' ideal għoli u safi ma' ideali maħsusa u msewsa, miksijin xi drabi bi tlellix imdieheb li jgħammex il-għajnejn tal-kotra. Kull fejn meddejt riġlejja, ma sibtx ħlief xewk u għolliq; kull fejn ħarist ma rajtx ħlief dlam; f'kull ma qbadt nagħmel ma kellix ħlief tfixkil. F'kollox u kullimkien xewk, dlam u tfixkil. Meta t-tama tar-rebħa kienet għadha ma daħketx bija, ridt, bil-qawwa ta' l-ideal għoli u safi, inwaqqa' l-ħajt li kien jagħlaqli triqti, imma daqskemm kien għoli u oħxon kien sa jordomni taħtu. Qtajt jiesi u tlaqt il-ġlieda; u issa hawn jien, maqtugħ minn kulħadd, magħluq ġo fija nnifsi, mejjet ħaj, mejjet għall-art li fixklet u mewtet l-ideal tiegħi u ħaj biss f'artijiet barranin fejn igħixu u jirbħu l-ideali kbar u għoljin.

Fid-dinja ta' madwari ma rajtx u ma narax ħlief tfixkil, taħwid u tagħwiġ. Donnu l-bniedem tilef triqtu għal kollox u miexi bħal agħma jixxengel, isallab u jgħawweġ bla ma jaf fejn hu sejjer. L-ideal tal-ħajja ntefa jew inħeba mid-dħaħen ta' dinja materjali, u l-bniedem, flok ma jerfa' għajnejh lejn il-għoljiet im-

dawla ta' ideali kbar qiegħed jitkaxkar ma' l-art bħal ħanex u, flok ma jwettaq ruħu bil-manna li taqa' mill-għoli, jimla żaqqu, bħas-serp il-misħut, bit-trab maħmuġ ta' l-art. Id-dawl ta' l-ideali ntefa, u fuq id-dinja nfirxet id-dalma tar-regħba u l-kburija, li aktar jagħmlu ħsara aktar ma huma mlibbsin bil-libsa targulija, tat-tjieba, ta' l-imħabba, tas-sewwa.

Mhux biħsiebi nsemmi l-ħsara kollha li ġiebet fuq Malta t-telfa ta' ideali għolja. Ħsara waħda biss irrid insemmi, li tolqotni fil-laħam il-ħaj, it-tfixkil li jien sibt fil-ħajja tiegħi tat-tagħlim, it-taħbit li tħabatt, ix-xogħol li ħdimt u x-xogħol li ma stajtx naħdem, il-ġlied li ġġelidt u t-telf li tlift. Mhux ftaħir dan, għax il-ftaħir fir-rebħ, u rebħ jien ma kellix. Imma għandu mnejn kliemi jiswa biex ikebbes f'qalb iż-żgħażagħ in-nar ta' l-ideali għolja li jaħraq, jeqred u jxejjen l-ideali siefla ta' nies mikluba għall-flus u jxerred fuq Malta d-dawl safi ta' l-ideal tat-tagħlim għoli u jerfa' u jgħolli 'l Malta fejn laħqu popli oħra u fejn aħna, nemel li nagħmluha ta' iġmla, qatt ma lħaqna.

Biex niftiehmu sewwa, irrid qabel xejn infisser x'nifhem b'tagħlim għoli, x'kien il-ħsieb tiegħi u l-għala ma seħħx.

It-triq tat-tagħlim hi triq twila, twila, li ma' tulha hemm ħafna bliet kbar u sbieħ, imma li t-tarf tagħha ma jiltaħaq qatt. L-ewwel belt li nilħqu hi l-belt li jisimha Kultura Ġenerali. X'inhi Kultura ġenerali? Hi l-pedament ta' kull tagħlim għoli; hi libsa li tiksi l-għera ta' bniedem li ma jaf xejn; hi l-ewwel tagħlim li jiftaħ il-bieb għal tagħlim ogħla; fi ftit kliem, hi tagħlim ta' ilsna, storja, ġeografija, xjenza. Kemm għandna ndumu fil-belt tal-Kultura ġenerali ma nistgħux ingħidu; jista' wieħed idum ħajtu kollha jew biċċa kbira minnha, imma ftit żmien għal-limqas irid joqgħod. Fuq kollox wieħed għandu jiftakar li jekk irid jimxi fil-bogħod aktar ma għandux jitlef ħafna żmien fil-belt tal-Kultura ġenerali, għa xit-triq twila u ż-żmien qasir, ix-xogħol iebes u s-saħħa xi drabi dgħajfa.

Mill-belt tal-Kultura ġenerali joħorġu ħafna toroq li jieħdu fi bliet oħra, kbar u sbieħ : il-belt tat-Teoloġija, il-belt tal-Liġi, il-belt tal-Mediċina, u ħafna bliet oħra. Dan hu t-Tagħlim ġenerali tat-Teoloġija, tal-Liġi, tal-Mediċina, Xjenzi u Letteraturi. F'dawn il-bliet wieħed jista' jdum, bħalma aktarx idum kulħadd, ħajtu kollha, iżur dejjem postijiet ġodda u jifli rkejjen moħbija jew inkella jimxi dejjem mill-istess toroq, bla ma jħabbat rasu bil-bini sabiħ tal-belt, bit-taqsim tagħha, bl-istorja tagħha, bis-

siwi tagħha għall-bnedmin kollha tad-dinja. Fi kliem ieħor, xi wħud, wara li jkunu ħadu l-professjoni, jgħixu ħajjithom kollha kuntenti b'dak li jkunu tgħallmu f'żgħożithom, bla ma jitħabtu xejn biex iżiduh jew ma jitilfuhx. Hemm oħrajn li, bla ma joħorġu mill-qasam tagħhom, jibqgħu jaħdmu biex ikattru għerfhom, jidħlu aktar 'il ġewwa fil-għerf, jagħarfu aħjar dak li ma' l-ewwel daqqa ta' għajn ma jidhirx biżżejjed u hekk jimxu dejjem mal-mixja tal-għerf.

Minn kull waħda minn dawn l-ibliet joħorġu ħafna toroq daqs kemm huma l-friegħi tat-tagħlim ta' kull waħda. Mill-belt tat-Teoloġija joħorġu l-friegħi jew it-toroq tad-Dommatika, tal-Morali, ta' l-Iskrittura, tal-Liġi u ta 'l-Istorja tal-Knisja u oħrajn. Mhux it-teoloġi kollha jaqbdu dawn it-toroq, imma l-ispeċjalisti biss, li għalihom mhux biżżejjed li jkunu jafu tajjeb suġġett li hu għal qalbhom, imma jridu jkunu jafuh bil-għeruq u x-xniexel, kollu kemm hu, bl-irqaqat tiegħu kollha.

X'uħud minn dawn l-ispeċjalisti lanqas mhu biżżejjed għalihom li jkunu jafu s-suġġett fil-medda tiegħu kollha, imma jibqgħu mexjin aktar 'il quddiem sa fejn isir il-għerf, fejn il-għorrief jaħdmu u jitħabtu biex jikxfu u jagħarfu dawk il-fatti u dawk il-veritajiet li huma moħbija għall-kotra ta' għorrief oħra. Ħafna jsiru għorrief bil-għerf li sabu għorrief oħra, imma ftit huma l-għorrief li jidħlu għax-xogħol li jfittxu, isibu u jkattru l-għerf tad-dinja. Għax il-għerf jixbah lil art li t-truf tagħha dawramejt għad mhumiex imgħammrin bin-nies, għadu ħadd ma kellu l-ħila jidħol 'il ġewwa minnhom biex jikxef il-ġid li hemm moħbi fihom, ħlief xi ftit qalbiena li issa jinfdu minn hawn u issa jinfdu minn hemm, il-lum daħlu ftit 'il ġewwa u għada daħlu aktar, u dejjem iwessgħu l-medda ta' dik l-art u jkattru l-ġid tagħha.

Imma ftit huma dawk li jidħlu għal dax-xogħol ta' tiftix u kxif ta' għerf ġdid. Il-biċċa l-kbira jew ma jafux bih dax-xogħol għax qatt ma semgħu bih, jew jaqtgħu qalbhom għax it-triq twila, ix-xogħol iebes u l-ħlas żgħir. Fuq kollox jinħtieġ taħriġ tajjeb minn imgħallem li jaf it-triq għax imdorri fiha, li jaf ix-xogħol għax imkisser fih. Mhux xogħol ta' dilettanti. Mhux tlablib fieragħ. Tisma' 'l xi ħadd jitkellem fuq Pariġi, jidhirlu li jafha rokna rokna għax sema' min jitkellem fuqha jew ra xi kartolini jew għax darba għadda jumejn jew tlieta fiha. Dan xogħol tat-tfal. Mhux biżżejjed li tkun taf bil-ħidma ta' tiftix il-għerf u

anqas mhu biżżejjed li darba f'ħajtek tkun qbadt f'idejk il-għodda; ix-xogħol u ż-żmien biss jagħmluk imgħallem.

Liema triq jaqbdu l-għorrief Maltin? Inħambqu ħafna fuq il-ħtieġa tal-kultura ġenerali, irridu li ż-żgħażagħ tagħna jitħarrġu tajjeb fiha, bħallikieku ħliefha ma hemmx x'wieħed jitgħallem. Jidhrilna li wieħed li ma jkunx imkisser tajjeb fit-tagħlim ta' l-ilsna u tal-letteraturi ma għandux jibqa' miexi aktar 'il quddiem fit-triq tal-għerf, u għalhekk jiġri li dawk li jogħġbuhom l-ilsna u l-letteraturi aktarx jieqfu fl-ewwel belt u oħrajn li aktar ikunu miġbudin lejn tagħlim ieħor ikunu mfixklin u miżmumin forsi għal dejjem fit-triq tat-tagħlim li jkun aktar għal qalbhom. Min jaf kemm żgħażagħ, miġbudin għax-xjenzi jew tagħlim ieħor għoli ntilfu għal kollox minħabba xi nuqqas fil-letteraturi. Sbieħ l-ilsna u l-letteraturi, sabiħa u meħtieġa l-kultura ġenerali, imma wisq isbaħ il-proporzjon fit-taqsim tat-tagħlim. U aħna, li ma narawx ħlief is-suġġett tagħna, il-proporzjon ma narawhiex. X'jiswa bħala professjonista tabib jew avukat li jkun jaf jikteb poeżiji sbieħ u ma jkunx jinqala' biżżejjed fil-professjoni tiegħu? Ikun jixbah lil raġel b'ras kbira u ġisem żgħir, jew b'ras żgħira u ġisem kbir li flimkien jagħmlu raġel ikrah.

Fost dawk li jaslu sal-bliet tat-Teoloġija, tal-Liġi jew tal-Mediċina l-kotra l-kbira jieqfu hemm u hemm igħaddu ħajjithom kollha. Iżda x'uħud iridu jitgħallmu dejjem il-ġdid u jibqgħu jimxu dejjem 'il quddiem mal-għerf. Għandna wkoll xi ftit li jaqbdu t-triq ta' l-ispeċjalizzazzjoni, imma dawk li jagħmlu t-tiftix u t-taktir tal-għerf il-ħidma ta' ħajjithom kollha, kemm għandna minnhom?

Din hi t-triq tal-għerf kif naraha jien. Kif imxejt fiha? Kif mexxejt u ridt immexxi l-oħrajn fiha? Biex inwieġeb sewwa, jaħtieġ nitkellem fuqi nnifsi u nikxef il-qalba ta' qalbi, mhux biex niftaħar — il-ftaħir inħallih lil ħaddieħor — imma biex il-ħidma tiegħi tidher kollha kif inhi, bid-dija u d-dell tagħha, kif tfasslet f'moħħi u nħadmet minn idi, biex kliemi jiswa forsi biex ikebbes xrara f'qalb xi ħadd miż-żgħażagħ. Il-bqija għal darb'oħra.

# IL-MILIED IT-TAJJEB!

*Lill-Prof. Kav. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*
*u lill-familja tiegħu.*

*Ta'* Ġużè Borg Pantalleresco

Li kienu x-xewqat iseħħu
f'dina l-art
ħajja sabiħa rridilkom
taħt Sema tal-kobalt:

qmuħ, dwieli
u frott mill-aktar bnin,
djar bir-rħam miksija
u ħarir fin;
għall-Milied
u s-snin l-oħra kollha li ġejjin:

faraġ tas-Sema
kull fejn tmiddu riġlejkom;
u 'l dawn li tħobbu rridilkom
dejjem ħdejkom:

fix-xewqat tiegħi
m'hemmx dmugħ għalikom,
m'hemmx hemm;
ta' fomm bi kliem ħelu mżejjen
ma ġġarrbux is-semm:

Triqtkom ġonna bin-nwar
minn tarf sa tarf
tapiti taż-żahar.

Nixtiqilkom,
jiem mill-isbaħ
taħt Sema blù bħal kobalt —
li kienu x-xewqat iseħħu
f'dina l-art!

# KLIEM TA' DUN ĠWANN M. FARRUGIA, FIL-ĠUBLEW TA' L-EWWEL QUDDIESA TIEGĦU (1892 — 1952)

"Bħal-lum sittin sena, mixħut wiċċi fl-art quddiem l-Altar waqt li fil-Kor kien qiegħed jitkanta l-"Veni Creator Spiritus" u l-Isqof kien biż-żejt tal-Griżma jidlikli idejja t-tnejn,



Il-Wisq Reverendu Kanoniku Teologu Dun Ġwann M. Farrugia, Membru Akkademiku tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

Ġesù Qassis ta' Dejjem, irreġistrani fil-Ktieb tad-Deheb, bħala werriet tal-Qassis Melkisedek.

Għajnejja mxarrba bid-dmugħ tal-konsolazzjoni u qalbi trid ittir bil-ferħ, imħeġġa biz-zelu u għatxana biex ma' tul ħajti nagħmel ġid kemm nista'; dikment bdejt il-missjoni tiegħi skond ir-rieda ta' Ġesù : Qassis Divin bla tebgħa, bla bidu.

F'dawn is-sittin sena ta' Saċerdozju, dejjem għamilt dmiri, skond il-kapaċità tiegħi dgħajfa, u jekk ma għamiltx iżjed, żgur li ma hix ħtija tiegħi.

Ma' tul il ħidma tiegħi saċerdotali, għaddejt minn bosta tiġrib iżda ġejt meħlus, u xi daqqiet b'miraklu fid-dieher. Ma' tul ħajti ippruvajt : hena mħallat ma' mrar ta' dispjaċiri; iżda b'danakollu qatt ma sogħobbija li jien xiddejt is-suttana sewda, simblu ta' vistu għal din il-ħajja : minsuġa bil-miżerji, bil-qerq u blaffanni.

Mal-milja ta' dawn is-sittin sena, rajt jintfew bħal imsiebaħ li jixxuttalhom iż-żejt, il-ħajja ta' dawk kollha l-ħbieb fis-Saċerdozju u ta' dawk li fis-sena 1892 ixxierku miegħi fuq l-Altar tal-Kbir Alla, u l-lum, bqajt waħdi : l-inqas wieħed denn, fosthom.

...."*O altitudo divitiarum sapientiae et scientiae Dei, quam incomprensibilia sunt judicia ejus et investigabiles viae ejus*" (Rom. 11. 33) *Min jista' jifhem il-ġudizzji t'Alla; min, jekk mhux Profeta, jista' jobsor il-għaliex ħallieni ngħix biex nilħaq is-sittin sena ta' Saċerdozju?!*"......

Tgħid, għad irid xi ħaġa oħra minni? Tgħid ma qdejtx ilministeru tiegħi kif jixraq?......

Din il-Quddiesa tal-lum, li fakkritna f'dan kollu, hi bħala ħlas għan-nuqqas kollu ta' ħajti, kemm ukoll radd il-ħajr, għal grazzja hekk straordinarja li għoġbu jagħtini".

# IL-PALK MALTI

*Ta'* H. Born, O.P.

JAF kulħadd li x-xejra li ħa l-Malti minn xi ħamsa u għoxrin sena 'l hawn hija kbira u, għalkemm kbir kien it-tfixkil, il-lum bdejna naraw li ż-żerriegħa li nżergħet f'dawk iż-żmenijiet mhux biss xettlet imma tatna sigar u frott li bihom ninsabu mkabbrin. Dehru kotba ta' poeżija u proża li jixirqilhom joqogħdu ħdejn kotba miktugħa b'ilsna oħrajn bla misthija ta' xejn; rajna żgħażagħ li ħassew li kellhom biex jiftaħru li għandhom ilsien sabiħ li jista' jfisser ħsibijiethom b'kitba mirquma u armonjuża.

Dehret ukoll il-kitba tal-palk, imma hawn jinħtieġ nistqarru li għadna ftit lura. Ma jmissux kien hekk għaliex jekk hawn xi kitba li tista' tħajrek biex tidħol għaliha hija sewwa sew il-kitba għall-palk: kittieb ta' poeżiji jista' jaqta' qalbu għax jibża' li mhux kulħadd huwa mxengel lejn dik is-sura ta' kitba; kittieb tal-proża jista' jwaħħal f'moħħu li mhux sa jsib nies biżżejjed li jħobbu l-qari. Imma min jikteb għall-palk jaf tajjeb li l-kitba tiegħu sa tiġi mismugħa minn swali miżgħudin bin-nies. Jaf tajjeb li l-lum li hawn bosta kumpanniji li huma għatxana għal kitba ġdida, ix-xogħol tiegħu jekk ikun tajjeb, malajr jinħataf. Mela dan ifisser li l-kitba għall-palk, jekk mhux iżjed minn kitba oħra, imissha mxiet 'il quddiem daqsha.

Niftiehmu sewwa. Xi kitba tal-palk tidher sikwit. Imma mhux kull kitba tal-palk jixirqilha dan l-isem. Hemm kumpanniji li qegħdin iduru għal subgħajhom bħall-qarnita u jfittxu d-drammi u l-farsi antiki, u hemm oħrajn li sikwit qegħdin isemmgħuna xogħlijiet miktubin ta' malajr u bil-għaġla u li fit-tfassila letterarja tagħhom jistgħu jitqiesu ma' dawk li kienu jinkitbu xi ħamsin sena ilu. Imħabba f'hekk, in-nies li tmur tisma', mhux biss qiegħda żżomm ruħha marbuta ma' dik is-sura ta' kitba qadima, imma x'aktarx ma tifhemx u tmaqdar xogħlijiet li jixirqu liż-żmien tal-lum.

Ma rridux inwaqqgħu fit-tajn dak li nkiteb qabel. Xejn minn dan. Ġie li deher xogħol Malti għall palk li għadu jinstama' sabiħ sal-lum. Imma jinħtieġ nifhmuha li fil-mixja tal-letteratura kollox jimxi flimkien u, jekk imxiet il-poeżija u l-proża, id f'id magħhom għandha wkoll timxi l-kitba tal-palk. Dawk li kitbu dari, kieku kienu jgħixu fiż-żmenijiet tagħna,

kienu jkunu l-ewwel nies li jifhmu dil-haġa u kienu jagħtuna xogħlijiet li jixirqu 'l-letteratura Maltija tal-lum.

Issib min igħidlek li huma n-nies li jmexxuk fil-kitba. Jekk tridhom jiġu jisimgħuk trid tara x'jogħġobhom u x'ma jogħġobhomx u mbagħad tagħtihom biss dak li jħobbu huma. Ma għandniex xi ngħidu, dan huwa kollu minnu. Imma mhux sa barra. Iridu jkunu wkoll il-kittieba li b'sabar kbir u b'rieda qawwija, iwarrbu dak li hu ħażin u, ftit ftit, jerfgħu l-moħħ tal-poplu mill-qiegħa li xi drabi jkun jinsab fuqha. Jekk jisimgħu l-lum u jisimgħu għada, jibdew biex widnejhom tidra l-ħlewwa u l-qawwa tal-letteratura tal-lum u jasal żmien meta ma jkunux iridu jafu b'ħag'oħra.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh li kitba tal-palk ħażina tista' ttellef mhux biss dik li hija togħma tal-palk imma wkoll xejriet ta' kitba oħra. Għalhekk huwa dmir tal-kittieba tal-lum li jqumu min-nagħsa li huma fiha u, b'rieda qawwija ma jilqgħu qatt li jiktbu għall-palk xogħlijiet li ma jixirqux lill-kitba tagħhom f'fergħat oħrajn. Artijiet oħra kellhom it-tfixkil li għandna aħna l-lum, għaddew mill-istess ilma tagħna, imma waslu fejn kellhom jaslu. Dan nistgħu nagħmluh aħna wkoll. Billi aħna ċkejknin, jista' jkun li jkollna nitħabtu aktar; imma l-lum jew għada naslu.

Imma mhux biss il-kittieba jridu jkunu. Jinħtieġ li jkun hemm min jagħmlilhom il-qalb. Jistgħu jsiru aktar konkorsi milli saru s'issa. Għax ngħiduha kif inhi: konkors isirlek kull mitt sena u terġa' u tgħid mhux dejjem jitmexxa tajjeb biżżejjed biex iħajrek. Il-konkorsi jinħtieġ li jsiru ta' sikwit u sewwa u ssir ħidma qawwija biex jinġibed interess fuqhom mhux minn min jidħol għall-konkorsi biss imma minn kulħadd. Ngħajtu aktar biex inbigħu iżjed.

U mbagħad ħag'oħra wkoll. Xejn ma hemm li jfixkel xogħol letterarju aktar milli meta jinqara ħażin. Billi jkun letterarju dejjem, ftit jew wisq, ikun itqal minn xogħol ieħor u għalhekk, bejn it-toqol tiegħu u bejn li jinqara ħażin u xi drabi bla ħajja, min jisma' xejn ma jinġibed lejh. Kitba tal-palk tajba (u ma' din ngħoddu r-*radio plays*), jinħtieġ li jintelqu f'idejn l-aħjar nies li bil-ħila tagħhom ikunu jistgħu jfissru ħsieb il-kittieb bis-sengħa kollha u b'dawk l-ilwien li mingħajrhom tiksaħ u tibqa' biered.

Min jaqleb għall-Malti kitba tal-palk barranija xejn ma għandu għax jaħseb li ma jkunx qed jagħmel xogħol siewi. Ikun qiegħed jagħmel ħidma tassew kbira. Wisq aktar aħjar minn dawk li kull darba jduru mal-lewża u jagħtuna dejjem l-istess ħaġa b'libsa oħra, min jaqleb xogħlijiet barranin għall-Malti jkun qiegħed ifehemna bl-ilsien tagħna kif ħasbu mħuħ kbar li faħħrithom id-dinja kollha. Kemm sa ndumu nidħku bil-missier xiħ li bintu jew ibnu jridu jitgħarrsu bil-moħbi, u bl-injoranza eżaġerata tas-seftur? Dil-qoffa tielgħa u oħra nieżla jridu jinqatgħu u nibdew nimirħu fi ħsibijiet ġodda miktubin għannies f'sura sabiħa u li ikun tixraq lil-letteratura tal-lum.

---

# Tfakkira ta' Annibale Preca

*Ta'* MARJU AGIUS

F'NOVEMBRU tas-sena 1951 saret tfakkira f'Ħal Lija, tal-Għalliem, Kittieb u Edukatur tal-poplu Malti, Annibale Preca, f'għeluq il-50 sena minn mewtu.

Meta wasal il-waqt, il-Kumitat li kien twaqqaf għalhekk, ħa ħsieb biex tqassam librett li barra li ġie mżejjen bi xbieha żgħira ta' A. Preca u ġewwa b'tagħrif qasir ħafna fuq ħajtu, programm, sunett, epigrafi, poeżija, innu u tagħrif ieħor.

Is-Sibt, 24 ta' Novembru 1951, saret Quddiesa solenni *de Requie* għal ruħ A. Preca, mill-Mons A. Buhagiar, b'mużika tas-Surmast F. Diacono, fil-Knisja Parrokkjali.

Fil-għaxija, il-Kumitat, il-Banda "Beatu Piju X", tfal, surmastrijiet u nies oħra ngabru qrib id-dar fejn kien joqgħod Preca. Imbagħad waslu d-Direttur ta' l-Edukazzjoni J.P. Vassallo; il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Avukat Fortunato Mizzi, u l-Kappillan tal-Parroċċa, Dun C. Lia, li ġew milqugħa mill-President. Wara li introduċa lill-Kappillan u l-bqija tal-Kumitat lill-Mi-

(*) Nidhu pjaċir ingħarrfu illi s-Sur Marju Agius, wieħed mill-Imseħbin Akkademiċi tal-"Għaqda", kien wieħed mill-promuturi u maħtur President tal-Kumitat ta' din it-Tfakkira xierqa, sabiħa u patrijottika—*Nota tad-Direzzjoni.*

nistru ta' l-Edukazzjoni, il-President qara kelmtejn fuq l-okkażjoni u talab lill-Ministru sabiex jikxef l-irħama tat-Tfakkira li twaħħlet fil-faċċata tad-dar fejn għax u miet A. Preca.

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni kixef l-irħama fost id-daqq ta' l-innu Malti mill-Banda "Beatu Piju X" u qal kelmtejn fejn faħħar lil A. Preca għal-ħila tiegħu bħala kittieb tal-Malti u ta' ilsna oħra u bħala xempju tan-Nazzjonaliżmu Malti. Kif spiċċa, it-tfal bniet ta' l-Iskola tal-Gvern, kantaw innu b'ġieħ A. Preca taħt it-tmexxija tas-Surmast C. Costa.

Wara dan, il-Banda "B. Piju X", it-tfal ta' l-Iskola, is-surmastrijiet, il-Kumitat, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, il-mistednin u kotra ta' nies imxew għal ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Kif waqaf id-daqq tal-Banda u t-tfal ta' l-Iskola poġġew kuruna mal-piramida tax-xellug taħt l-inkwatru bi xbieha ta' A. Preca, bħala Monument provviżorju, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, b'suġġett: "Preca Edukatur tal-Poplu Malti", qara u ta tagħrif fuq ix-xogħlijiet ta' Preca għall-ġid u għat-tagħlim tat-tfal u tal-poplu sew bħala surmast u kemm bis-seħem li ħa fil-kitba ta' kotba fosthom minn dawk tal-kollezzjoni tal-Mogħdija taż-Żmien, kitba li deherlu tiswa fi żmienna wkoll għall-kultura tajba tal-poplu.

Il-Banda "Beatu Piju X" daqqet programm ukoll fuq iz-zuntier, taħt it-tmexxija tas-Surmast A. Sammut, programm li għalkemm fl-aħħar, minħabba l-ħin, tgawda biss minn ftit nies, spiċċa tajjeb ukoll mis-Sur S. Mifsud li f'taħdita ta' xi ħames minuti, ipprova juri lil Preca bħala veru Patrijott.

Il-Ħadd, 25 ta' Novembru 1951, fil-għodu, tfajliet tal-Brigata Nazzjonali ta' Ransley, u subien tal-Brigata Nazzjonali Maltija, għamlu sfilata minn quddiem id-dar fejn kien joqgħod Preca sa quddiem il-Knisja tal-Parroċċa. Wara li żewġ żgħażagħ tal-Brigata Maltija u delegat tal-Każin "S. Andrija", poġġew kuruna, waħda fuq kull naħa tal-Monument provviżorju ta' Preca, l-Avukat G. Zammit, b'suġġett: "Preca Ħabib tal-Għerf", qara diskors fejn wera l-ħeġġa ta' A. Preca għall-istudju, u l-ġid li għamel lil kulħadd bil-għerf u l-kultura tajba tiegħu — taħdita li fiha qiegħed lil Preca ma' nies kbar oħra barranin.

Fil-għaxija, wara l-5.30, saret Akkademja mużiko - letterarja b'ġieħ lil A. Preca fil-Każin tal-Banda "Beatu Piju X", li kien imżejjen ukoll għall-okkażjoni b'ritratt ta' Preca fuq mejda żgħira fil-platea u bandiera bl-arma tal-Parroċċa ġo fond abjad, aħmar u isfar, imdendla fil-faċċata ġol-palk.

Wara daqq ta' l-Innu Malti u marċa Sinfonika mill-"Isouard String Orkestra", taħt it-tmexxija tas-Surmast Pace, il-President tal-Kumitat "Tfakkira A. Preca", qara diskors qasir bħala introduzzjoni ta' l-Akkademja, fejn qal li hu dmir li wieħed jagħmel tfakkira ta' min għamel ġieh lil art twelidu, fil-waqt li semma wkoll l-ammirazzjoni li kellu Preca lejn il-Parroċċa Villa Lija, fejn għax u ġie midfun wara mewtu.

Wara li s-Sur A. Bartolo, akkompanjat bil-pjanu mis-Surmast G. Grima, kanta l-"Ella Giammai M'amò", mill-opra "Don Carlos", ta' Verdi, is-Sur Nin Cremona qara diskors b'suġġett: "Preca bħala Filologu", li minnu wieħed seta' jifhem illi għalkemm ix-xjenza tal-Filoloġija kienet għadha fil-bidu tagħha, Preca, wara li għarbel sewwa l-Ilsien Malti ħallielna xogħol li jibqa' bħala l-ewwel trattat fuq is-sura organika tal-Lsien Malti.

Wara daqq melodjuż tal-"Pas Leger", tas-Surmast C. Pace, l-Avukat Prof. Aquilina qara diskors b'suġġett: "Preca fil-Letteratura Maltija", fejn wera lil Preca bħala wieħed fost il-kittieba ewlenin li għenu fil-bini tal-Letteratura tajba Maltija, għaliex għaraf il-ħtieġa tat-tagħlim tal-Malti għall-edukazzjoni tal-poplu, fil-waqt li rnexxielu jasal fejn wasal bl-istil ħelu, sempliċi u ċajtier tiegħu.

Wara d-daqq ta' "Pris D'Orient", ta' Pisani, ir-Rev. Prof. S.M. Zarb, O.P., qara diskors b'suġġett: "Preca bħala Edukatur Reliġjuż", fejn radd ħajr lin-nies ta' Ħal Lija talli għarfu jagħmlu tfakkira ta' l-imfaħħar A. Preca u fejn imbagħad wera s-sentiment reliġjuż fil-kitba ta' Preca billi semma fit-tul l-"Istorja Sagra" u l-"Istorja tal-Knisja" għall-poplu. Fl-aħħar il-Prof. Zarb wera kemm jixraq li l-kitba ta' A. Preca tinġabar flimkien u tibqa' tinqara.

Kull wieħed mit-tliet oraturi ġie introdott mill-President u kull diskors u l-orkestra ġew milqugħin b'ċapċip kbir ta' l-idejn. Fl-aħħar din l-Akkademja Nazzjonali li tibqa' msemmija fl-istorja tal-Malti u tal-Parroċċa Villa Lija spiċċat b'kant ta' l-Innu tas-Sur S. Mifsud, mużikat mis-Surmast C. Pace.

Wara li spiċċat l-Akkademja u l-Prof. Aquilina, f'isem il-"Għaqda tal-Malti (Università)", ta ritratt żgħir ta' A. Preca fi gwarniċ indurat lill-Kappillan għall-Mużew tal-Parroċċa, il-President tal-Kumitat tat-Tfakkira radd ħajr lil kull min għen biex tirnexxi t-Tfakkira u stieden lill-mistednin għal bikkjerata, li saret fuq fis-swali tal-Każin.

# TGĦID?

*Ta'* GUŻI MICALLEF GRIMAUD

Inħobbok!
X'kelma!
Kemm għidnieha lil xulxin
b'leħen mksur b'biki ġewwien ta' ferħ
taħt sema jsewden sajfi,
b'xi kewkba fih, lil hawn u 'l hinn,
li tfeġġ u tilma w tgħib,
u terġa' tfeġġ u tilma!

X'seħer ta' kelma!
Taf l-għala dat-tferfir,
dal-ferħ ta' ġenn,
dal-qbiż tal-qalb f'sidirna;
dal-ħfiq u dat-tregħid,
dad-dmugħ,
dil-ħlewwa kollha
nieżla diluvju dwarna?

Taf l-għala l-estasi?

Taf l-għala kif ngħiduha lil xulxin,
dil-kelma,
fuq l-art ma jibqa' ħadd ħlief jien u int,
u l-ħsejjes biss jinstemgħu
ta' żewġt iqlub
qalb waħda?

Tgħid għax twerritna,
lili w lilek,
is-setgħa tal-Ħallieq
u t-tnejn tagħmilna,
int omm,
u jien missier,
ta' dinja ġdida?

Victoria, Għawdex, 25. 9. 51.

# Guħ Mard.....u Kittieba

*Ta'* Nikol Biancardi

KIEKU wieħed kellu joqgħod fuq dak li jaqra fuq il-poeti u l-kotra tal-kittieba, kieku jrid ikun miġnun biex jitħajjar isir bħalhom. — "Jaqbel li tkun kittieb? Jaqbel li tkun poeta?..." Jekk qrajt elf ħajja ta' nies għorrief sibt li 999 minnhom mietu morda u bil-ġuħ. Wisq naħseb, iżda, li din ix-xejra ta' kitba issa saret drawwa u ħakmet lil bosta li jħobbu l-letteratura sentimentali.

Donnu wieħed ma jistax ikun poeta jekk ma jkunx marid b'sidru! Donnu ħadd ma jista' jkun kittieb jekk ma jkunx bil-ġuħ! Din 'l-propaganda sentimentali li nafha minn mindu kont żgħir u, ħaġa tal-għaġeb, donnha kellha bħal seħer fuqi. Minħabba x-xorti ħażina li bosta drabi tmiss lill-poeti, jiena dejjem ħassejt bħal ġibda ta' ħniena lejn min hu għaref. Il-lum li kbirt, din 'l-propaganda ħafna minnha qarrieqa, xejn ma saret togħġobni.

Il-qawl igħid: "Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss". Hekk hu tabilħaqq, iżda daqshekk ieħor hu minnu li "Il-bniedem ma jgħixx bil-poeżija biss". U la darba hu hekk, ieħtieġ inħajru liż-żgħażagħ iħalltu l-ħelu mal-meħtieġ: "Ille tulit punctum qui misquit utile dulci". U ma noqogħdux insewdulhom qalbhom.

Fit-Tieni Ktieb tat-Tmienja u Għoxrin Sena (Ġunju 1952) ta' "Il-Malti", jiena qrajt dak li kiteb il-ħabrieki ħabib tiegħi G. Cassar Pullicino fuq it-traduzzjoni tal-poeta Malti Dwardu Cachia, minn poeżija portugiża tal-famuż kittieb Luiz de Camoens, li tfissret b'iżjed minn 120 ilsien, fosthom bil-Malti. Il-lum m'inix se nitkellem fuq ix-xogħol ħabrieki u stħarrieġi ta' Cassar Pullicino, li tiegħu ħaqqu l-akbar tifħir, imma se nieqaf fuq ftit versi li sewduli qalbi waqt il-qari ta' l-istudju li għamel. Sirna nafu li Cameons "messitu l-pesta fl-1580 u miet f'miżerja hekk kbira li l-Karmelitan li kien jassisti miegħu qabżitlu demgħa kbira jara ġenju hekk kbir mingħajr lanqas biss liżar biex igħattuh". Dan fuq Camoens. Issa niġu għall-poeta tagħna: Dwardu Cachia. Sirna nafu li Cachia: "Miet f'gorboġ ħdejn iċ-ċimiteru f'għaks kbir bil-mard tas-sider u b'qalbu maqsuma".

Wieħed miet bil-pesta u l-ieħor bil-mard tas-sider: it-tnejn bil-ġuħ! Imsieken tassew! Kemm kont iżjed hieni meta kont

naqra xi wieħed mill-kotba tax-Xogħol Kbir ta' Camoens "Os Luciados", mingħajr ma kont naf xejn iżjed fuqu, għajr il-qima li biha kien imdawwar bħala poeta kbir. Kemm kont iżjed ferħan meta kont naqra l-versi ħfief u mexxejja ta' Dwardu Cachia fil-poemett tiegħu "Katrin ta' l-Imdina", bla ma kont naf fejn u bix miet, għajr li kien pensjonant u bniedem maħbub.

Din l-isħaba ilha tħedded lill-poeti u lill-kittieba — u madankollu lil kull min hu għaref u patrijott — miż-Żmenijiet tan-Nofs meta għadd ta' kittieba sentimentali iżjed kienu jagħfsu fuq il-ħajja ġewwenija tal-kittieb milli fuq il-ġrajja barranija tiegħu. Donnu fid-dinja ma kienx hawn għorrief li mietu mfawrin fil-ġid u ta' għomor kbir. Mur għidlu hekk lil George Bernard Shaw, li miet ta' iżjed minn 90 sena, u li ħalla warajh ġid kbir. U bħal Shaw kien hawn eluf oħra. Imma, ħaġa tal-għaġeb! il-kittieba jħobbu jokorbu wisq. In-niket huwa donnu l-alla tagħhom. Wara kollox id-dinja m'hijiex kerha daqs kemm inpinġuha fil-poeżija tagħna waqt xi attakk ta' dieqa. Jekk il-bniedem ordinarju jaf jitħenna bil-baħar, bis-smewwiet, bil-ġonna u b'dak kollu li hu sabiħ, kemm iżjed jitgħaxxaq bihom il-poeta li jaf joħloq dinjiet oħra bil-qawwa ta' ħsibijietu?! Le, le, mhux tassew li l-poeti u l-għorrief huma nies kollha xortihom ħażina. Biex tkun poeta jeħtieġ tkun bniedem qalbieni u tiftakar li wara kollox **ma hawnx ward bla xewk,** kif ukoll **ma** hawnx xewk bla ward.

## VARIA ATQUE BREVIORA

*(Tkompli mill-faċċ. 7)*

In-numru *sebgħa* f'xi frażijiet Maltin :—

Saħħa *seba'* saħħiet; Il-qattus għandu *sebat* erwieħ; Trid *seba'* għajnejn; Għidtlu *sebat* elef darba; Għandu *seba'* mitt sena.

*Dissimalazzjoni* tal-likwidi f'xi nomi proprji u f'xi kliem ieħor :—

Ġalandrì (flok *Ġanandrea*); Ġalanton (flok *Ġananton*); sensel (flok *selsel*); kenur (flok *kenun*); qniepel (flok *qniepen*); ringiela (flok *ringiera*); lankè (flok *nankin*); lenò (flok *ninon*); linfa (flok *ninfa*).

*Assimilazzjoni* tal-likwidi f'xi nomi ta' Qaddisin u oħrajn :—

Sam-Mark; Sam-Martin; Sal-Lawrenz; Santur-Rokku; Fras-Salv; Fraġ-Ġwann; Grammastru.

*(Jissokta fil-faċċ. 32)*

## REĊENSJONI

**SEHEM ĊKEJKEN U ŻEWĠ BUZZETTI OĦRA.** — Ta' Dun Anton Xiberras. — Opri Missjunarji Pontifiċji, 1952. — Empire Press, Valletta.

Dawn it-tliet Buzzetti miktubin minn Dun Anton Xiberras ġew imxandrin minn fuq ir-*Rediffusion* minn membri ta' l-*Azzjoni Kattolika* ta' San Ġiljan dis-sena f'okkażjonijiet ta' *Jum il-Morda*, tal-*Ġurnata Missjunarja* u tal-*Festa tas-Santa Infanzia*.

L-argumenti ta' dawn ix-xogħlijiet drammatiċi ċkejkna magħmulin għal fuq ir-*Radio* huma, tista' tgħid, kollha ibbażati fuq iċ-ċaħda taddinja u s-sakrifiċċji ta' membri tal-familja biex jagħtu ruħhom għax-xogħol tal-konversjoni ta' l-erwieħ qalb is-suwed ta' l-Indja u taċ-Ċina, kif ukoll għall-ġid tal-Ġurnata Missjunarja, u fuq il-ġenerożità ta' qalb nisranija li b'wegħda tagħti ġidha għall-edukazzjoni ta' tfajjel imsejjaħ għassaċerdozju u għall-missjoni. Bħala bċejjeċ teatrali għar-*radio* jistgħu jgħaddu u għandhom il-preġju tagħhom, għal dik li hi propaganda, u wieħed jista' jagħder xi nuqqasijiet fit-teknika drammatika, l-iktar fid-djalogar u fid-diċitura li f'xi bnadi jitbiegħdu mix-xeħta naturali u letterarja. Ħabat tajjeb li r-*radio* jgħatti ħafna, l-iktar fejn l-azzjoni ma għandhiex dik l-unità ta' żmien u lok li tiħtieġ l-istess azzjoni b'att wieħed fuq il-Palk.

L-istampa ħarġet taħt l-Opri Missjunarji Pontifiċji, 1952, mit-tipi ta' l-Empire Press.

* * *

---

## VARIA ATQUE BREVIORA

(*Ikompli mill-faċċ. 31*)

*Ismijiet* ta' postijiet, ta' nies, ta' annimali u ta' pjanti li jibdew bil-klejma *bu-* (minn *abu*) :—

*Postijiet* : Buġibba; Busewdien; Budaq; Buleben; Bukana; Bubaqra; Bunaħħala; Bugħerwien. *Nies* : Buttiġieġ; Buħaġar; Busuttil; Buġeja. *Annimali* : Bumunqar; bufula; bużullieqa; bugħadam; buħarrat; buqrajq; buċaqq; buċaqċaq; budakkra; bugħajjat; buġiddem; bugħarwien; bukħajla; bulebbiet; bumellies; buxiħ; buliff; bumerin; bunittien; buqarn; buqarrieq; bugriż; buqrajq; buras; buqawar; busuf; buswejda; buwaħħal; bużaqq. *Pjanti* : Budebbus; bumnejħer; buqexrem; busieq.

JINBIEGH 1/-